Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta tas-17 ta' Frar, 2003

Numru 680/2002

**PULIZIJA**
**SPETTUR CARLO ELLUL**

**VS**

**MARY SEISUN**

**Illum 17 ta' Frar 2003.**

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Mary Seisun ta’ 44 sena, bint Carmel Genovese u Angela nee’ Galea mart Joachim imwielda il-Pieta’ fis-7 ta’ Mejju 1958, u toqghod Flat 1, ‘Sacred Heart’, Triq Pietru Xuereb Pieta’, detentur ta’ karta ta’ l-Identita’ bin-numru 00344358 (M);

Talli fl-24 ta’ Marzu 2001, u fis-snin ta’ qabel bhala d-detentur tal-fond Flat 1, ‘Sacred Heart’, Triq Pietru Xuereb, il-Pieta’ jew bhala l-persuna illi kellha f’idejha l-imsemmi fond b’diversi atti maghmulin fi zminijiet li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda:

1. Ikkommettier serq ta’ kurrent ta’ l-elettriku li jammonta ghal izjed minn Lm100 u anqas minn Lm1000, ghad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, hin u valur, u aktar

**2.** Talli ghamlet hsara jew kissret parti mil-meter ta’ l-elettriku jew is-sigilli tieghu jew xi parti minn xi apparat jew is-sigilli taghhom jew gumni wzati fil-provista ta’ l-elettriku jew is-sigilli taghhom.

Wara li rat l-Artikolu 261 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Ikkonsidrat:

Illi wara li semghet ix-xhieda prodotta u rat id-dokumenti ezebiti, din il-Qorti ma’ thossx li hemm provi sufficjenti sabiex issib lill-imsemmija Mary Seisun hatja ta’ l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha mill-Prosekuzzjoni.

Ghaldaqstant, din il-Qorti qeghda tillibera lill-istess Mary Seisun, u dan fuq nuqqas ta’ provi.

---------------------------------TMIEM---------------------------------